MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 436/2013

**C&L Calleja Trading Ltd. (C-28851)**

**Vs**

**Renald Pisani (K.I. 601777M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf u tlieta u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1093.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' hut/prodotti tal-hut mibjugha u kkonsenjati lill-intimat ezercenti l-kummerc taht l-isem "Papannis Restaurant" fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx; minkejja li gie nterpellat jhallas diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 12 ta' Novembru, 2012 (Dok A), l-intimat baqa' nadempjenti u inoltre' beda jaghmel allegazzjonijiet inveritieri fil-konfront tas-socjeta' attrici;

qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi ‘ndikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok ‘B’ sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi;  bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut, Renald Pisani, li eccepixxa illi l-konvenut m’ghandux ibati spejjez u mghaxijiet stante li huwa kien lest li jhallas dan l-ammont zmien twil ilu purche’ li jinghata l-ircevuti fiskali ghall-hlasijiet precedenti, liema rcevuti qatt ma nghatawlu.  Dan jirrizulta mill-email annessa bhala Dok A; salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ Renald Pisani

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Semgha t-tratazzjoni tal-partijiet

Ra l-verbal ta’ 26 ta’ Frar, 2014 fejn thalliet illum ghas-sentenza.

Illi din il-kawza *si tratta di* pagament ghall-merkanzija ta’ varji tipi ta’ hut mibjugha lill-Renald Pisani.  Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija li dejjem kien lest li jhallas l-ammont basta illi pero’ jinghata r-ricevuti fiskali ta’ammonti li gew imhallsin precedentament.

Il-konvenut **Renald Pisani** fix-xhieda tieghu ddikjara illi jopera r-restaurant Papanni’s Restaurant fi Strait Street, il-Belt. Hu kien jordna ammonti sostanzjali ta’ hut minghand is-socjeta’ attrici, kien waqaf ix-xoghol ghaliex dawn kienu jwasslu xoghol ghand restaurants ohra u

ghalhekk kien ikollu problema biex jigbor il-merkanzija. Hu sostna illi ma huwiex qed jikkonstesta li ghandu jaghtihom din is-somma pero' gara illi kien tahhom zewg cekkijiet u qatt ma nghata rcevuta tal-VAT tal-ammont li hallas. Il-kontestazzjoni tieghu ghalhekk kienet li ma kienx qed jinghata ricevuti. Infatti hu kkonferma u ammetta li l-ammont dovut huwa t' elf u tlieta u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,093.68). Huwa kien insista li r-ricevuti fiskali ta' hlasijiet precedenti jinghatawlu qabel ma jaghmel pagament iehor ghaliex kellu bzonnhom ghall-*accounting purposes*. Fix-xhieda tieghu qal ukoll li t-tifla tas-sid kienet marret ghandu biex tghidlu li r-ricevuti nghatawlu. Illi kopja tar-ricevuti 002184 u 002185 tac-cekkijiet in kwistjoni (BOV366) u (BOV367) gew prezentati DOK VA2.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal ghandu quddiemu ammissjoni tal-ammont. Ghalhekk il-pern tal-kwistjoni huwa jekk huwa gustifikat li wiehed ma jhallasx debitu minhabba l-fatt li ma nghatx ricevuti ghall-pagamenti precedenti. Jekk it-Tribunal jasal biex jghid ili dan huwa gustifikat il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjes tal-kawza. Hareg mill-provi illi s-socjeta' attrici dejjem sostniet li dawn ir-ricevuti ntbghatu, anke fix-xhieda tieghu stess u permess ta' kopji (ara doks a fol 22 and 23). Illi anke jekk kellu jemmen li dan ma kienx il-kaz, xorta wahda ma hijiex skuza valida biex ma thallasx dejn pendenti. Ghalhekk l-eccezzjoni mqanqla m'ghandhiex x'taqsam mall-ammont dovut.

Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi *abitrio boni viri* billi jilqa' t-talbiet attrici fis-somma ta' elf u tlieta u disghin u tmienja u sittin centezmu (€1,093.68) bl-imghax skont kif mitlubin fl-avviz sal-pagament effettiv. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------